

Brussell, 21 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14310/25

CLIMA 455
ENV 1068
ONU 72
DEVGEN 185
ECOFIN 1384
ENER 545
MAR 139

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	21 ta' Ottubru 2025
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14086/25
Suġġett:	Tħejjija għat-30 Konferenza tal-Partijiet (COP30) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) (Belém, il-Brażil, 10-21 ta' Novembru 2025) - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif approvati mill-Kunsill fl-4126 laqgħa tiegħu li saret fil-21 ta' Ottubru 2025.

**Tħejjijiet għat-30 Konferenza tal-Partijiet (COP30) tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet
Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC)
(Belém, il-Brażil, 10-21 ta' Novembru 2025)**

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

L-URĠENZA TAL-AZZJONI KLIMATIKA U L-OPPORTUNITAJIET GĦAN-NIES U L-EKONOMIJI

1. JESPRIMI T-TĦASSIB PROFOND TIEGĦU dwar iż-żieda li għaddejja fil-livelli tal-gass serra (GHG) atmosferiċi, avvenimenti osservati li jibdew bil-mod, inkluż iż-żieda fil-livell tal-baħar u t-telf tal-massa glaċjali, u ż-żieda fl-intensità, id-durata, l-iskala u l-frekwenza ta' avvenimenti estremi tat-temp madwar id-dinja, inkluż mewġiet ta' sħana, nirien fil-foresti, nixfiet u għargħar; JISSOTTOLINJA li t-tibdil fil-klima huwa theddida eżistenzjali għall-umanità, għall-ekosistemi u għall-bijodiversità, kif ukoll għall-paċi u s-sigurtà, u li ebda pajjiż, territorju jew reġjun mhu ħieles minnu.
2. JILQA' l-10 anniversarju tal-Ftehim ta' Pariġi u l-importanza tal-qafas inklużiv u li jħares 'il quddiem tiegħu għall-avvanz tar-rispons globali meħtieġ biex jiġu indirizzati l-isfidi kondiviżi tat-tibdil fil-klima u JENFASIZZA li skont l-IPCC, il-projezzjonijiet tat-temperatura globali naqsu għal madwar 2.8°C sal-2100, abbażi tal-NDCs tal-2021, meta mqabbla mal-livelli preindustrijali.

3. JESPRIMI TĦASSIB dwar id-distakk persistenti bejn l-ambizzjoni u l-implimentazzjoni u JTENNI li l-involvement internazzjonali permezz ta' multilateraliżmu b'saħħtu bbażat fuq ir-regoli u effettiv huwa essenzjali biex it-tibdil fil-klima jiġi indirizzat b'suċċess globalment.
4. JAGĦRAF li l-2024 kienet l-aktar sena sħuna rreġistrata u l-ewwel sena li matulha l-medja annwali taż-żieda fit-temperatura medja globali tal-wiċċ tad-dinja qabżet il-1.5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali, u li l-impatti u r-riskji tat-tibdil fil-klima qed isiru dejjem aktar kumplessi u aktar diffiċli biex jiġu ġestiti; JISSOTTOLINJA li l-probabbiltà u l-impatti ta' bidliet f'daqqa, fuq skala kbira u irriversibbli fis-sistemi tal-klima u tad-dinja, inkluż bidliet li jiskattaw meta jintlaħqu l-punti kritiċi, jiżiedu ma' kull żieda fit-tisħin globali.
5. JISĦAQ li l-ħtieġa estremament urġenti li jissaħħu l-kooperazzjoni u r-rispons globali biex tiġi indirizzata l-emerġenza klimatika b'aċċellerazzjoni sinifikanti tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass serra f'konformità ma' tisħin globali li jiġi limitat għal 1.5°C li jistgħu jintlaħqu mill-pajjiżi kollha, b'mod partikolari l-emittenti ewlenin, u bidliet aċċellerati lejn żvilupp reżiljenti għall-klima u sostenibbli, u li kwalunkwe dewmien ulterjuri f'azzjoni globali miftiehma ser jitlef opportunità li hija qasira u li tgħaddi malajr biex jiġi żgurat futur abitabbli, prosperu, b'saħħtu, ġust u sostenibbli għal kulħadd.
6. JISĦAQ il-ħtieġa ta' tranżizzjoni globali rapida lejn ekonomiji u soċjetajiet newtrali għall-klima, reżiljenti, pożittivi għan-natura, u ċirkolari u effiċjenti fir-riżorsi. Din it-tranżizzjoni jeħtieġ li sseħħ b'pass u fuq skala li jkunu allinjati mal-possibbiltà li t-tisħin globali jinżamm taħt il-1.5 °C, u jeħtieġ li tkun ġusta u inklużiva, tippromwovi approċċ imsejjes fuq id-drittijiet tal-bniedem u għandha tiżgura li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.
7. JISSOTTOLINJA l-opportunitajiet u l-benefiċċji multipli li l-azzjoni klimatika ġġib għan-nies, il-pjaneta, ekonomija globali sostenibbli f'termini ta' standards aħjar tal-ġhajxien, is-saħħa, l-iżvilupp ekonomiku u soċjali, filwaqt li tipprovdi impjiegi ġodda u deċenti, sigurtà tal-ilma mtejbja, sistemi tal-ikel sostenibbli, u enerġija affordabbli, kif ukoll il-protezzjoni tal-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, u JIRRIKONOXXI li l-kost tan-nuqqas ta' azzjoni tisboq b'mod sinifikanti l-kost ta' azzjoni klimatika f'waqtha u effettiva.

8. JENFASIZZA li l-politiki integrati ta' dekarbonizzazzjoni, inkluż il-politiki dwar il-klima, l-ambjent, l-enerġija u l-industrija, implimentati b'mod ġust u inklużiv, huma mutur b'saħħtu tal-kompetittività ekonomika u żieda fl-innovazzjoni f'termini ta' tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija, li jgħolqu impjiegi ta' kwalità u l-kundizzjonijiet it-tajba biex il-kumpaniji jirnexxu u b'hekk iwittu t-triq għal ekonomija globali b'emissjonijiet żero netti li tkun sostenibbli u prospera. F'dan ir-rigward, JISSOTTOLINJA l-importanza ta' strumenti domestiċi effettivi tal-ipprezzar tal-karbonju bħala fost l-aktar modi effiċjenti u kosteffettivi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, u l-potenzjal tagħhom li jidderieġu mill-ġdid il-flussi ta' finanzjament lejn l-azzjoni klimatika. JISTIEDEN lill-partijiet jadottaw u jespandu l-ipprezzar effettiv tal-karbonju fil-livell nazzjonali bl-għan li jespandu s-sehem tal-emissjonijiet globali koperti mill-ipprezzar tal-karbonju. BIĦSIEBU jsaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab u jindirizza r-riskji potenzjali tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.
9. ITENNI l-importanza tal-aħjar xjenza disponibbli biex jiġu infurmati r-reazzjonijiet għat-tibdil fil-klima u b'mod partikolari JENFASIZZA s-sejbiet tas-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni u JAPPOĠĠA l-ħidma li għaddejja tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) fis-Seba' Ċiklu ta' Valutazzjoni; JISSOTTOLINJA r-rilevanza tal-politika tal-valutazzjonijiet tal-IPCC dwar soluzzjonijiet għall-azzjonijiet u JENFASIZZA l-importanza tat-twettiq komprensiv u f'waqtu tal-kontributi mit-tliet Gruppi ta' Ħidma tal-IPCC fis-Seba' Ċiklu ta' Valutazzjoni fil-ħin biex jitqiesu taħt it-tieni Rendikont Globali (GST-2).
10. JISTIEDEN lill-Partijiet kollha jimpenjaw ruħhom biex jipprovdu informazzjoni pubblika dwar l-istat tas-sistema klimatika abbażi tal-aħjar xjenza disponibbli speċjalment mill-IPCC; JINNOTA bi tħassib serju ż-żieda fil-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni dwar il-klima u l-ħtieġa għal azzjoni u kollaborazzjoni nazzjonali u internazzjonali biex titqajjem kuxjenza u jiġu miġġielda dawn in-narrattivi inkluż permezz tal-integrazzjoni ta' tali informazzjoni fil-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ u f'dan ir-rigward JENFASIZZA l-importanza li jiġi żgurat il-ġbir u l-kondiviżjoni fit-tul tad-data dwar il-klima biex jiġi appoġġat l-għoti ta' informazzjoni azzjonabbli dwar it-tibdil fil-klima u JFAKKAR li l-aċċess għal tali informazzjoni huwa kruċjali għall-involviment attiv u l-inklużività fit-tranżizzjoni globali.

11. JESPRIMI TĦASSIB SERJU dwar il-ħsara fit-tul lill-klima u l-ambjent, minbarra t-tbatija enormi għall-bnedmin, ikkawżata minn konflitti armati li għaddejjin madwar id-dinja kollha u JTENNI t-tħassib serju tiegħu dwar ir-riskju li dawn joħolqu għal azzjoni globali effettiva biex tiġi indirizzata l-kriżi planetarja tripla tat-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis. JENFASIZZA li l-gwerer għandhom effetti sekondarji negattivi serji fuq is-sigurtà tal-enerġija u tal-ikel, barra li jdgħajfu s-sigurtà u l-istabbiltà globali, u għandhom jiġu indirizzati b'mod urġenti u deċiżiv mill-komunità internazzjonali. ITENNI l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali. ITENNI t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani kif espress mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2025.

RIŻULTATI F'BELÉM

12. JILQA' l-komunikazzjoni tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) wara l-2030, u JAPPELLA lill-Partijiet kollha li għadhom ma ppreżentawx l-NDCs tagħhom biex jagħmlu dan b'mod urġenti.
13. JILQA' l-avviżi li saru fl-Avveniment Speċjali ta' Livell Għoli tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar l-Azzjoni Klimatika u JISTENNA B'INTERESS ir-Rapport ta' Sintesi tal-NDC.
14. JISĦAQ li l-NDCs ta' wara l-2030 għandhom jirriflettu l-progressjoni u l-oġġla ambizzjoni possibbli, jiġu allinjati mal-perkorsi tal-emissjonijiet li jillimitaw it-tisħin globali għal 1.5°C u l-aħjar xjenza disponibbli, fid-dawl ta' ċirkostanzi nazzjonali differenti, kif ukoll jinkludu miri assoluti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha, li jkopru l-gassijiet serra, is-setturi u l-kategoriji kollha u juru kif il-Partijiet qed jimplimentaw l-ewwel Rendikont Globali (GST-1). F'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA l-importanza tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn l-NDCs permezz ta' strateġiji, politiki u azzjonijiet domestiċi inkluż pjanijiet ta' investiment u pjattaformi tal-pajjiżi li jipprovdu bażi għall-isfruttar ta' opportunitajiet ta' finanzjament u negozju.

15. IHEĠĠĠ lill-Partijiet kollha, b'mod partikolari l-emittenti ewlenin, li ppreżentaw NDCs li mhumie x allinjati mal-mira ta' 1.5°C biex jaġġornaw u jsaħħu malajr il-miri fl-NDCs tagħhom, u biex jikkomunikaw jew jirrevedu l-istrateġiji fit-tul tagħhom ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' gass serra (LT-LEDS) lejn tranżizzjoni ġusta għal emissjonijiet żero netti sal-2050, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti.
16. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa ta' spazju politiku ddedikat u eżitu nnegozjat fil-COP30 li jaġġraf is-sejbiet tar-Rapport ta' Sinteżi tal-NDC tal-UNFCCC u jindirizza l-livell kollettiv ta' ambizzjoni u implimentazzjoni, inkluż billi jipprovdi rakkomandazzjonijiet ċari u azzjonabbli biex il-Ftehim ta' Pariġi jiġi implimentat b'suċċess. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA MILL-ĠDID li rispons globali kollettiv biss jista' jwassal biex tintlaħaq il-mira ta' 1.5°C.
17. JAPPELLA għal kunsiderazzjoni annwali tar-Rapporti ta' Sinteżi tal-NDC tal-UNFCCC inkluż messaġġi dwar kif għandhom jissaħħu l-NDCs u l-implimentazzjoni tagħhom, inkluż dwar l-allinjament tagħhom mal-1.5°C u mal-isforzi ta' mitigazzjoni globali maqbula fil-GST-1.
18. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-Programm ta' Ħidma dwar il-Mitigazzjoni (MWP) biex jiżiedu b'mod urġenti l-ambizzjoni u l-implimentazzjoni tal-mitigazzjoni f'dan id-deċennju kritiku b'mod li jikkomplementa l-GST; JISTIEDEN lill-Partijiet kollha biex jimpenjaw ruħhom u jaħdmu flimkien biex itejbu l-funzjonalità, l-effettività, l-inklużività reġjonali u soċjali tal-Programm ta' Ħidma dwar il-Mitigazzjoni u d-Djalogi Globali tiegħu, biex iwettqu l-mandat tiegħu.
19. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi implimentati b'mod kollettiv l-aspetti kollha tal-GST-1, filwaqt li jiġi żgurat li l-eżiti tiegħu jiġu operazzjonalizzati fil-flussi ta' ħidma rilevanti u l-korpi kostitwiti kollha skont il-Ftehim ta' Pariġi u JISĦAQ fuq l-importanza li jintlaħaq qbil malajr kemm jista' jkun dwar il-modalitajiet tad-Djalogu tal-Emirati Għarab Magħquda biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'suċċess tal-GST-1 fl-intier tiegħu.
20. ITENNI l-appell għal tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili fis-sistemi tal-enerġija b'mod ġust, ordnat u ekwu, allinjata mal-perkorsi tal-mira ta' 1.5°C, filwaqt li titħaffef l-azzjoni f'dan id-deċennju kritiku, sabiex jinkisbu emissjonijiet żero netti l-aktar tard sal-2050 f'konformità mal-aqwa xjenza disponibbli; JAPPELLA lill-Partijiet kollha, b'mod partikolari l-emittenti kbar, biex joperazzjonalizzaw il-kontribut tagħhom għas-sejħa.

21. IHEĠĠĠĠ lill-Partijiet kollha jimplimentaw l-appell għat-triplikar tal-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli globalment u l-irduppar tar-rata annwali medja globali tat-titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija sal-2030. JISSOTTOLINJA li dawn il-miri għandhom jimxu id f'id mal-iffrankar tal-enerġija u l-eliminazzjoni gradwali tal-produzzjoni u l-konsum tal-enerġija mill-fjuwils fossili globalment, u JILQA' l-ħidma minn aġenziji bħall-AIE u l-IRENA biex janalizzaw il-progress li sar fir-rigward tal-appell u JINNOTA li fl-2024 żdiedu globalment 582 GW ta' kapaċità ta' enerġija rinnovabbli. JENFASIZZA li fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-isforzi dinjija kollha relatati mal-enerġija maqbula bħala parti mill-Kunsens tal-Emirati Għarab Magħquda, b'mod stabbilit fil-livell nazzjonali, u filwaqt li tiġi rrispettata t-taħlita tal-enerġija ta' kull pajjiż, il-Partijiet intalbu jikkontribwixxu għall-isforzi dinjija biex jaċċelleraw teknoloġiji b'emissjonijiet żero u baxxi f'konformità mal-paragrafu 28 tar-Rendikont Globali. JENFASIZZA wkoll il-ħtieġa li tiġi aċċellerata d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u li jiġu evitati l-intrappolament tal-emissjonijiet f'setturi tal-industrija diffiċli sabiex jitrażżnu u JILQA' l-progress tal-inizjattivi internazzjonali f'dan il-qasam.
22. JAPPELLA għall-eliminazzjoni gradwali mill-aktar fis tas-sussidji għall-fjuwils fossili li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku jew it-tranżizzjoni ġusta.
23. JISSOTTOLINJA li l-bidla lejn ekonomija newtrali għall-klima f'konformità mal-mira ta' 1.5°C ser tirrikjedi l-eliminazzjoni gradwali globali tal-fjuwils fossili b'emissjonijiet mhux imnaqqsa u l-oġġla livell u tnaqqis fil-konsum tagħhom diġà f'dan id-deċennju biex titwettag il-mitigazzjoni meħtieġa kif indikat mill-IPCC.
24. F'dan il-kuntest, JISSOTTOLINJA l-importanza li s-settur tal-enerġija jkun fil-biċċa l-kbira ħieles mill-fjuwils fossili ferm qabel l-2050, u l-importanza li jintlaħaq l-għan li tinkiseb sistema globali tal-enerġija kompletament jew b'mod predominanti dekarbonizzata fis-snin 2030, li ma tħalli l-ebda lok għal enerġija ġdida mill-faħam, peress li miżuri kosteffettivi ta' emissjonijiet żero diġà huma disponibbli b'mod ġenerali f'dak is-settur, liema miżuri jipprovdu benefiċċji multipli, fost l-oħrajn, għall-iżvilupp sostenibbli, is-saħħa tal-bniedem u l-kwalità tal-arja, il-ħolqien tal-impjiegi kif ukoll is-sigurtà tal-enerġija.

25. Barra minn hekk, JISSOTTOLINJA li t-teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet li ma jagħmlux ħsara sinifikanti lill-ambjent jeżistu fuq skala limitata u għandhom jintużaw biex inaqqsu l-emissjonijiet prinċipalment minn setturi diffiċli sabiex jittrażżnu u li t-teknoloġiji tal-assorbiment għandhom jikkontribwixxu għal emissjonijiet negattivi globali, u JENFASIZZA li dawn m'għandhomx jintużaw biex idewmu l-azzjoni klimatika f'setturi fejn huma disponibbli alternattivi ta' mitigazzjoni fattibbli, effettivi u kosteffiċjenti, b'mod partikolari f'dan id-deċennju kruċjali. Fl-istess ħin JIRRIKONOXXI l-progress li sar fl-iżvilupp ta' dawn it-teknoloġiji u r-rwol potenzjali tagħhom fit-tnaqqis futur tal-emissjonijiet f'setturi diffiċli sabiex jittrażżnu, biex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni u tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050.
26. ITENNI l-importanza kritika tal-konservazzjoni, il-protezzjoni u r-restawr tan-natura, inkluż l-ekosistemi tal-baħar, tal-muntanji, tal-ilma ħelu, kostali u terrestri, lejn il-kisba tal-mira ta' temperatura ta' 1.5°C.
27. JISSOTTOLINJA l-impenn kontinwu biex jissaħħu l-isforzi biex jitwaqqfu u jitreggħu lura d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti sal-2030 kif enfasizzat fl-eżitu mill-GST-1, inkluż billi jissaħħu l-isforzi globali biex issir ħidma lejn il-protezzjoni u r-restawr tal-foresti, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, bijoekonomija ċirkolari u sostenibbli, kif ukoll sistemi tal-ikel sostenibbli u agrikoltura reżiljenti għall-klima u f'dan ir-rigward JENFASIZZA l-potenzjal li jiġu pprovduti benefiċċji klimatiċi u ambjentali f'terminu qasir u fit-tul kemm fil-mitigazzjoni kif ukoll fl-adattament permezz ta' dawn l-isforzi.
28. JILQA' l-ewwel rapporti biennali dwar it-trasparenza (BTRs), ir-rapporti tal-inventarju nazzjonali ppreżentati sa din id-data kif ukoll l-ewwel Rapport ta' Sintesi tal-UNFCCC dwar il-BTR. JAPPELLA lill-Partijiet kollha li għadhom ma għamlux dan biex jippreżentaw il-BTRs tagħhom malajr kemm jista' jkun, filwaqt li jinnota li l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) u l-Istati Gżejjer Żgħir li qed Jiżviluppaw (SIDS) jistgħu jissottomettu meta jridu. JISSOTTOLINJA li l-irfigħ tar-responsabbiltà għall-azzjoni u l-appoġġ, imwettqa skont il-Qafas ta' Trasparenza Msaħħa (ETF) ser ikunu essenzjali biex tinbena u tinżamm il-fiduċja reċiproka waqt li l-Partijiet kollha jimplimentaw l-impenji tagħhom. JISSOTTOLINJA l-hteġa għal spazju politiku ddedikat u eżitu nnegozjat fil-COPs biex jitqiesu r-Rapporti ta' Sintesi attwali u futuri tal-UNFCCC dwar il-BTR bil-ħsieb li jiġi vvalutat il-progress kollettiv mill-Partijiet kollha fir-rigward tal-Ftehim ta' Pariġi, il-funzjonament tajjeb tal-ETF kif ukoll li jiġu infurmati l-GSTs li jmiss u dawk sussegwenti.

29. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-Programm ta' Ħidma għal Tranżizzjoni Ġusta (JTWP) għal azzjoni ta' mitigazzjoni aċċellerata allinjata mal-mira ta' 1.5°C u azzjoni ta' adattament imsaħħa li jkunu ġusti u inklużivi u; JAPPELLA lill-Partijiet kollha biex jaħdmu lejn eżitu li joperazzjonalizza perkorsi ta' tranżizzjoni ġusta li jinsabu fi ħdan il-limiti planetarji, iċċentrati fuq in-nies, ma jħallu lil ħadd jibqa' lura, u jsaħħu l-kapaċità li tiġi implimentata tranżizzjoni ġusta fil-livell nazzjonali.
30. JAFFERMA MILL-ĠDID l-appoġġ tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Qafas tal-Emirati Għarab Magħquda għar-Reżiljenza Klimatika Globali, biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' adattament, tissaħħaħ ir-reżiljenza u titnaqqas il-vulnerabbiltà; JISSOTTOLINJA l-importanza li jintlaħaq ftehim fil-COP30 dwar il-programm ta' ħidma tal-Emirati Għarab Magħquda–Belém dwar indikaturi biex jitkejjel il-progress lejn l-Għan Globali dwar l-Adattament biex jissaħħu l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-adattament fil-livelli kollha u jiġi infurmat il-GST-2.
31. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal approċċ inklużiv, min-naħa tas-soċjetà kollha, tal-gvern sħiħ u mifruq mal-ekonomija kollha biex tiżdied l-azzjoni ta' adattament fis-setturi kollha. JITLOB li l-isforzi ta' adattament isiru aktar intelliġenti, aktar rapidi u aktar sistemiċi sabiex jiġi żgurat approċċ li jħares 'il quddiem, transsettorjali u bbażat fuq ix-xjenza. JINNOTA li r-rabta bejn il-klima u l-ippjanar tal-iżvilupp toħloq diversi benefiċċji u ttejjeb l-opportunitajiet ta' investiment sostenibbli. F'dan il-kuntest JINKORAĠĠIXXI lill-Partijiet biex iressqu, javvanzaw u jimplimentaw il-pjanijiet u l-istrateġiji ta' adattament nazzjonali tagħhom li jallinjaw mal-NDCs u l-prijoritajiet u l-istrateġiji ta' żvilupp nazzjonali u li huma inkorporati fl-istrateġiji ta' investiment nazzjonali.
32. JIKKONFERMA MILL-ĠDID l-impenn kontinwu tal-UE biex tappoġġa lill-pajjiżi sħab, b'mod partikolari l-LDCs u s-SIDS, biex isaħħu l-kapaċitajiet ta' adattament tagħhom inkluż permezz tal-forniment u l-mobilizzazzjoni ta' finanzjament għall-adattament mis-sorsi kollha. JINNOTA f'dan ir-rigward li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar kontributuri għall-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima fir-rigward tal-adattament, wara li saħħew l-appoġġ matul is-snin, inkluż fil-kuntest tal-ħeġġa ta' Glasgow biex sal-2025 jiġi rduppjat il-finanzjament għall-adattament, u sieħeb fdat fl-implimentazzjoni tal-adattament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; li jipprovdu appoġġ li jkopri firxa wiesgħa ta' politiki relatati mal-adattament fi ħdan il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri u l-iżvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż ir-rispons għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet tat-teknoloġija. JAPPELLA lill-fornituri attwali u futuri kollha ta' finanzjament għall-adattament biex jagħmlu l-istess.

33. JENFASIZZA li l-investment fl-adattament huwa kruċjali biex jinbnew perkorsi ta' żvilupp reżiljenti għall-klima b'benefiċċji soċjali u ekonomiċi, u JINKORAĠĠIXXI BIS-SAĦĦA lis-settur privat biex isaħħaħ ir-rwol tiegħu biex jiżdied b'mod sinifikanti il-finanzjament lejn azzjoni ta' adattament.
34. JISSOTTOLINJA kemm hi kritika azzjoni urġenti biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura għal 1.5°C u biex jiżdiedu l-adattament u t-tiżiħ tar-reżiljenza għall-klima biex jiġu evitati, minimizzati u indirizzati t-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti avversi tat-tibdil fil-klima: u JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE li taħdem flimkien mal-partijiet kollha u l-partijiet ikkonċernati li mhumiex parti kif applikabbli lejn it-tiżiħ tal-appoġġ u l-kooperazzjoni biex ikun hemm rispons għat-telf u l-ħsara assoċjati mal-effetti avversi tat-tibdil fil-klima globalment b'mod koerenti, komplementari u koordinat mal-arranġamenti ta' finanzjament ġodda u eżistenti inkluż il-Fond għat-Telf u l-Ħsara kif ukoll permezz tal-ħidma tal-Mekkaniżmu Internazzjonali ta' Varsavja għal Telf u Ħsara assoċjati mal-Impatti tat-Tibdil fil-Klima, u l-Kumitat Eżekuttiv tiegħu u n-Network ta' Santiago.
35. JILQA' l-progress li sar s'issa tal-Fond għat-Telf u l-Ħsara u JTENNI l-impenn tal-UE li l-Fond jiġi operazzjonalizzat bis-siħ, u n-Network ta' Santiago biex jiġi evitat, minimizzat u indirizzat it-telf u l-ħsara biex jingħata appoġġ finanzjarju u tekniku lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima; JINKORAĠĠIXXI kollaborazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib bejn in-Network ta' Santiago u l-Fond għat-Telf u l-Ħsara.
36. JILQA' d-deċiżjoni tal-Għan Kollettiv Ġdid Kwantifikat (NCQG) dwar il-finanzjament għall-klima, u JFAKKAR f'dan ir-rigward fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament internazzjonali għall-klima kif adottati fl-10 ta' Ottubru. F'dan il-kuntest, JIRRIKONOXXI li l-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima, inkluż il-finanzjament konċessjonali għoli, jibqa' essenzjali biex jappoġġa pajjiżi u komunitajiet vulnerabbli, speċjalment dawk b'kapaċità ta' adattament limitata u affettwati b'mod sproporzjonat mill-impatti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) u fl-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDs).

37. JENFASIZZA l-ħtieġa li jiġu identifikati azzjonijiet u miżuri li jagħtu kontribut sabiex jiġi żblukkat finanzjament ta' USD 1.3 triljun sal-2035, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi mobilizzat finanzjament privat addizzjonali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u JISTENNA B'INTERESS il-Pjan Direzzjonali minn Baku sa Belém li jirrifletti l-ħtieġa urġenti u l-potenzjal trasformattiv li jiġi żblukkat ferm aktar kapital privat għall-azzjoni klimatika, u r-rwol tiegħu fl-aċċellerazzjoni tal-investimenti neċessarji fit-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomiji kollha. JAPPELLA għal tali azzjonijiet u miżuri biex jiġu żblukkati sorsi ġodda ta' finanzjament għall-azzjoni klimatika, tiġi ffaċilitata l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi u jitneħħew l-ostakli għall-aċċess għall-finanzjament għall-klima, filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet nazzjonali differenti ta' assorbiment u implimentazzjoni.
38. JISSOTTOLINJA li, biex jiżdied aktar il-finanzjament għall-klima, il-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima, u r-riforma tal-arkitettura finanzjarja trid tkompli f'kull pajjiż kif ukoll internazzjonalment. JAPPELLA lill-atturi kollha – inkluż il-gvernijiet ċentrali u lokali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, il-banek nazzjonali tal-iżvilupp, il-filantropiji, l-investituri privati u istituzzjonali – sabiex jaħdmu b'mod konġunt għal dan l-għan, f'konformità mal-mandat tagħhom. JILQA' l-ħidma li saret fil-kuntest tad-Djalogu ta' Sharm el-Sheikh, li approfondixxa l-fehim tal-Artikolu 2.1(c) u r-relazzjoni tiegħu mal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Pariġi u JISTENNA B'INTERESS li l-Partijiet jirrikonoxxu l-fehim emerġenti tal-elementi ewlenin tiegħu, u jiddeċiedu dwar triq sostanzjali 'l quddiem għall-Artikolu 2.1(c), fis-CMA7.
39. JISSOTTOLINJA li l-impatti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' miżuri klimatiċi fil-livell nazzjonali f'xi każijiet jista' jkollhom effetti transfruntiera. Jibqa' IMPENJAT għall-promozzjoni u l-kondiviżjoni ta' esperjenzi dwar Prattiki tajba biex jiġu massimizzati l-impatti pożittivi ta' dawn il-miżuri permezz ta' kooperazzjoni multilaterali.

40. JENFASIZZA l-importanza tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet biex titħaffef l-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni lejn perkorsi ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, u JAPPOĠĠA azzjoni mmexxija lokalment biex jinkisbu riżultati ġusti, effettivi u sostenibbli.
41. JISSOTTOLINJA l-importanza tat-tisħiħ tal-azzjoni kooperattiva dwar l-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija bħala mezz biex jintlaħqu l-oġettivi komuni tagħna u JAPPOĠĠA t-tisħiħ tal-korpi eżistenti tal-Mekkaniżmu tat-Teknoloġija skont l-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi fir-rigward tal-programm ta' implimentazzjoni tat-teknoloġija.
42. JILQA' l-konklużjoni tan-negozjati sostantivi dwar l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi u JFAKKAR fil-potenzjal tal-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi fil-faċilitazzjoni ta' aktar ambizzjoni globali biex jitnaqqas id-distakk lejn il-limitazzjoni tat-tisħin globali, dment li jiġu żgurati l-oġhla standards ta' trasparenza, l-integrità ambjentali inkluż salvagwardji soċjali u ambjentali, l-iżvilupp sostenibbli u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem.
43. JIRRIKONOXXI li l-effetti tat-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali jinħassu bl-aktar mod akut min-nisa u l-bniet, kif ukoll minn gruppi vulnerabbli fis-soċjetà li jikkontribwixxu l-inqas għat-tibdil fil-klima, u li jinsabu f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jew emarġinati, minħabba l-inugwaljanzi eżistenti, u forom multipli u kumulattivi ta' diskriminazzjoni.
44. JISSOTTOLINJA l-importanza li jitwettaq Pjan ta' Azzjoni ġdid u msaħħaħ dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri mill-COP30 'il quddiem, u JBIQA' IMPENJAT li jkompli l-ħidma dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneru f'involviment mal-Partijiet kollha fil-proċess tal-UNFCCC u li javvanza l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet, u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom madwar id-dinja, peress li huwa kruċjali għal azzjoni klimatika effettiva, għall-kisba tal-għanijiet klimatiċi tagħna u għat-tisħiħ tar-reżiljenza globali.

45. IHEĠĠĠ lill-Partijiet kollha biex jimplimentaw il-parteċipazzjoni ugwali, sħiħa, effettiva u sinifikanti tan-nisa u taż-żgħażaġh, fid-diversità kollha tagħhom u fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika u politika, skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024¹, kif ukoll fl-azzjoni klimatika permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet, l-ippjanar, it-teħid ta' deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar, u JFAKKAR fl-impenn tiegħu li jagħmel dan.

IT-TISĦIĦ TAL-AZZJONI KLIMATIKA U R-RABTIET MA' PROĊESSI OĦRA

46. JENFASIZZA li, meta jieħdu azzjoni biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima, il-Partijiet kollha jeħtiġilhom jipproteġu, jirrispettaw, jippromwovu u jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għal ambjent nadif, san u sostenibbli kif rikonoxxut mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU u l-Assemblea Ġenerali tan-NU u affermat mill-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja bħala prekundizzjoni, inerenti u essenzjali għat-tgawdija ta' drittijiet tal-bniedem oħra, id-drittijiet tal-Popli Indiġeni kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, id-drittijiet tal-migranti, it-tfal u ż-żgħażaġh, il-persuni akbar fl-età, il-persuni b'diżabilità, il-komunitajiet lokali u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet, u t-tisħiħ tal-pożizzjoni u l-ekwità interġenerazzjonali tagħhom.
47. JAPPELLA lill-Presidenzi tal-COP u lis-segretarjat tal-UNFCCC biex jiżguraw organizzazzjoni bla xkiel u parteċipazzjoni affordabbli tal-Partijiet u l-partijiet ikkonċernati kollha biex jissalvagwardjaw l-inklużività u l-leġittimità tal-COPs. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ l-effiċjenza tal-proċess tal-UNFCCC bil-ħsieb li jiġu faċilitati u katalizzati l-implimentazzjoni, l-ambizzjoni u l-kooperazzjoni internazzjonali, filwaqt li tiġi pprovduta pjattaforma għall-atturi kollha biex jinvolvu ruħhom. F'dan ir-rigward, JINKORAĠĠIXXI l-isforzi biex jiżdiedu t-trasparenza u l-impatt, inkluż permezz tal-ġestjoni tal-aġendi, koordinazzjoni aħjar tal-laqgħat, u organizzazzjoni li tkun proporzjonata u konsistenti mal-kisba tal-oġettivi tal-proċess.

¹ Skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2024. Il-pjan ta' azzjoni ġie estiż sal-2027.

48. JENFASIZZA r-rwol ta' tmexxija tal-partijiet ikkonċernati li mhumiex Parti, inkluż l-atturi tas-settur privat u tan-negozju, u JENFASIZZA l-ħtieġa għal kooperazzjoni msaħħa mal-gvernijiet u l-komunitajiet lokali u reġjonali fl-aċċellerazzjoni u t-twessigħ ta' azzjoni klimatika soċjalment ġusta, inkluż fil-proċess tal-UNFCCC. JINKORAĠĠIXXI l-impenn kontinwu tagħhom fl-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi u l-GST, inkluż permezz tal-Aġenda ta' Azzjoni Klimatika Globali u permezz ta' impenji trasparenti li jippermettu l-obbligu ta' akkontabilità, appoġġati minn pjanijiet ta' azzjoni infurmati mill-aħjar xjenza disponibbli.
49. JILQA' l-enfasi tal-Presidenza tal-COP30 fuq l-Aġenda ta' Azzjoni Klimatika Globali u l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-GST-1.
50. JISĦAQ li l-parteċipazzjoni, l-involviment u l-aċċess għall-informazzjoni pubbliċi u sinifikattivi, fosthom għas-soċjetà ċivili, it-tfal u ż-żgħażaġh u l-partijiet kollha ikkonċernati, huma kruċjali għall-promozzjoni tal-ġustizzja soċjali, il-ġustizzja, l-inklużività u l-koeżjoni soċjali fit-tranżizzjoni globali lejn pjaneta reżiljenti u newtrali għall-klima.
51. ITENNI l-interkonnessjoni bejn l-indirizzar tat-tibdil fil-klima u l-progress fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
52. JILQA' l-Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar it-tibdil fil-klima u b'mod partikolari daww l-aspetti tal-opinjoni li jikkonfermaw il-gravità tat-theddid ikkawżat mit-tibdil fil-klima; l-obbligi tal-Istati kollha li jikkooperaw fir-rispons għal din it-theddida, u li jieħdu azzjoni, kemm individwalment kif ukoll kollettivament billi jagħmlu l-almu tagħhom biex jipprevjenu tibdil fil-klima perikoluż; kif ukoll ir-rwol ċentrali li kellu l-Ftehim ta' Pariġi biex jipprovdi sett ċar ta' għanijiet u forum bona fide għal dik il-kooperazzjoni.

53. JIRRIKONOXXI l-kriżijiet interdipendenti u li jsaħħu lil xulxin tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, it-tniġġis, id-degradazzjoni tal-art, tal-ilma u tal-oċeani; JAFFERMA li miżuri bħall-ġestjoni sostenibbli tal-art, tal-oċeani u tal-ilma, inkluż soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, u l-protezzjoni u r-restawr taċ-ċiklu globali tal-ilma, u ekosistemi b'saħħithom u rikki fil-bijodiversità għandhom rwol fundamentali fl-azzjoni klimatika ġenerali u JISĦAQ li dawn jistgħu jiġu indirizzati b'suċċess biss f'approċċ koerenti li jinkludi strateġiji ta' benefiċċju reċiproku u f'dan ir-rigward JENFASIZZA r-rwol fundamentali u s-sinerġiji ma' organizzazzjonijiet u proċessi internazzjonali oħra u JISTIENEN lill-Partijiet kollha u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti għal approċċ aktar integrat biex tiġi indirizzata l-kriżi planetarja tripla, b'mod partikolari fil-livell nazzjonali, li jiżgura l-implimentazzjoni ta' appoġġ reċiproku tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, u l-ilħuq tan-Newtralità fir-rigward tad-Degradazzjoni tal-Art. JENFASIZZA r-rwol kritiku li l-oċeani għandhom għall-enerġija, id-data u r-riżorsi strateġiċi kif ukoll ir-regolamentazzjoni tal-klima tad-Dinja, u JILQA' l-Impenji ta' Nizza għall-Oċean, inkluż il-Patt Ewropew dwar l-Oċeani.
-